



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.6.2023
COM(2023) 313 final

2023/0181 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-
Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-2020, ġiet inkluża proposta biex *'jiġu żviluppati arranġamenti aktar ambizzjużi biex jiġi ffaċilitat, attirat u appoġġat l-investiment fl-Afrika'* fl-istrateġija komprensiva tal-Unjoni Ewropea (UE) mal-Afrika¹.

Ir-Repubblika tal-Angola (minn hawn 'il quddiem, 'l-Angola') hija s-seba' l-akbar destinazzjoni ta' investiment għall-investituri mill-UE fil-kontinent Afrikan, li jiġbed lejha 5,4 % tal-istokk ta' investiment dirett barrani tal-UE (EUR 9,9 biljun f'FDI fl-2020). Filwaqt li l-ekonomija tal-Angola bħalissa hija bbażata fuq il-materja prima u r-riżorsi tal-enerġija abbondanti tagħha, il-pajjiż qed ifittex li jiddiversifika l-mudell ekonomiku tiegħu, u f'dawn l-aħħar snin għamel sforzi sinifikanti biex itejjeb il-klima tal-investiment għall-investituri barranin u lokali. L-Angola tinsab fil-proċess li tibda n-negozjati biex tissieħeb fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-UE u l-grupp tal-FSE tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (South African Development Community, 'SADC'). Madankollu, il-FSE ma fihx dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-investiment.

Fit-8 ta' Settembru 2020, il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea, Valdis Dombrovskis u l-Ministru tal-Kummerċ u l-Industrija tal-Angola, Victor Fernandes, hargħu dikjarazzjoni bi sħab li tikkonferma *'l-intenzjoni tagħhom li jibdew diskussjonijiet esploratorji dwar ftehim ta' investiment bejn l-UE u l-Angola, minbarra l-FSE, li jiffoka fuq il-faċilitazzjoni tal-investiment'*.²

Fit-23 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill³ li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Angola dwar ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-investiment. Fis-26 ta' Mejju 2021, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea awtorizza l-ftuħ tan-negozjati⁴ u adotta d-direttivi ta' negozjati.

Fit-22 ta' Ġunju 2021, l-UE u l-Angola nedew negozjati dwar Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli (imsejjaħ 'il-Ftehim'). Wara erba' ċikli ta' negozjati, l-UE u l-Angola kkonkludew in-negozjati fit-18 ta' Novembru 2022.

L-objettiv kumplessiv ta' dan il-Ftehim huwa li jtejjeb il-klima tal-investiment u jiffaċilita l-mobilizzazzjoni u ż-żamma tal-investiment bejn l-UE u l-Angola fuq il-bażi ta' regoli, miżuri u proċeduri moderni u simplifikati relatati mal-investiment dirett barrani. B'hekk, il-ftehim jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, u jsaħħaħ ir-relazzjoni bilaterali fl-investiment. Jipprovdi wkoll pjattaforma solida minn fejn jikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija tal-Angola u għall-integrazzjoni tagħha fl-ekonomija globali.

Dan il-Ftehim huwa l-ewwel ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-investiment li l-UE qatt innegozjat u l-proposta meħmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi l-istrument legali

¹ Il-Komunikazzjoni Konġunta Lejn Strateġija komprensiva mal-Afrika tal-2020, JOIN(2020) 4 final <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A52020JC0004>

² https://eeas.europa.eu/headquarters/headquarters-homepage/84859/5th-angola-eu-ministerial-meeting-joint-way-forward_en

³ Ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim mal-Angola dwar il-faċilitazzjoni tal-investiment, COM(2021) 138 final

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Angola għal ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-investiment, 8441/21, 20 ta' Mejju 2021

għall-konklużjoni tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Angola.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-oġġettivi imsemmija hawn fuq huma konsistenti mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jstipula li jenħtieġ li l-UE *'tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, permezz tat-tneħħija progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali'*⁵.

L-oġġettivi huma wkoll konformi bis-sħiħ mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Cotonou⁶, u l-prinċipji ġenerali promossi fih.

Dan il-Ftehim jikkorrispondi mal-Azzjoni Ewlenija 12 ('issegwi l-ftehimiet ta' investment sostenibbli mal-Afrika u l-Viċinat tan-Nofsinhar') tar-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tal-Kummissjoni⁷, fejn il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li *'tipproponi inizjattiva ta' investment sostenibbli għal lis-sħab jew lir-reġjuni fl-Afrika u fil-Viċinat tan-Nofsinhar li huma interessati jagħmlu dan [...] fil-forma ta' ftehimiet ta' investment awtonomi jew bħala parti mill-modernizzazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali eżistenti'*.

Dan il-Ftehim se jikkomplementa wkoll il-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp futur li bħalissa qed jiġi nneozjat fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-oġġettivi huma konsistenti ma' politiki oħra tal-UE, b'mod partikolari l-politika tal-iżvilupp tal-UE.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

F'konformità mal-Opinjoni 2/15 dwar l-FTA bejn l-UE u Singapore tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2017, l-oqsma kollha koperti mill-Ftehim jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-UE u, b'mod aktar partikolari, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 207(1) TFUE (investment barrani dirett).

Bħala riżultat, dan il-Ftehim se jiġi ffirmat mill-Unjoni skont deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 218(5) TFUE, u konkluż mill-Unjoni skont deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 218(6) TFUE, wara li l-Parlament Ewropew jagħti l-kunsens tiegħu.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Dan il-Ftehim ma jkoprix kwistjonijiet li jaqgħu barra mill-kompetenza esklużiva tal-UE.

⁵ L-Artikolu 21(2)(e) TUE

⁶ Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn banda waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000.

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021) 66 final.

- **Proporzjonalità**

Dan il-Ftehim huwa konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, billi l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali hija l-istrument ewlieni biex isir impenn favur drittijiet u obbligi reċiproċi ma' suġġett tad-dritt internazzjonali bħal pajjiż barrani.

Dan il-Ftehim isegwi direttament l-oġġettiv tal-Unjoni fl-azzjoni esterna u jikkontribwixxi għall-prijorità politika tal-“UE bħala attur globali aktar b'saħħtu”. Huwa f'konformità mal-orjentazzjonijiet tal-Istrateġija Globali tal-UE li tikkooopera ma' sħab oħra u li tagħti spinta lis-sħubijiet esterni tagħha b'mod responsabbli, sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet esterni tal-UE. Jikkontribwixxi għall-oġġettiv tal-UE li toħloq ktajjen tal-provvista siguri, diversifikati u reżiljenti⁸, u għall-oġġettivi tal-UE dwar il-kummerċ u l-iżvilupp.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija konformi mal-Artikolu 218(6) TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġġettiv espress f'din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minn Ġunju sa Novembru 2020, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika⁹ fejn talbet il-kontribut tal-Parlament Ewropew, tal-Istati Membri, tal-partijiet ikkonċernati u tas-soċjetà ċivili għal rieżami tal-politika kummerċjali tal-Unjoni Ewropea, inkluż dwar modi kif jistgħu jissaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tal-UE mal-pajjiżi ġirien u mal-Afrika.

Il-Kummissjoni regolarment tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati, fost l-oħrajn fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehimiet Kummerċjali¹⁰ u fid-Djalogu mas-Soċjetà Ċivili¹¹. B'mod partikolari, in-negozjati ta' dan il-Ftehim ġew ippreżentati u diskussi matul id-Djalogi tas-Soċjetà Ċivili fl-24 ta' Novembru 2021 u fis-17 ta' Marzu 2023.

Qabel u matul in-negozjati, l-Istati Membri tal-UE ġew infurmati u kkonsultati regolarment bil-fomm u bil-miktub dwar l-aspetti differenti tan-negozjati permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) tal-Kunsill u l-Kumitat tal-Politika Kummerċjali dwar is-Servizzi u l-Investiment. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat permezz tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) tiegħu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' Workshop speċifiku¹² fis-26 ta' Ottubru 2022. It-testi li progressivament irriżultaw min-negozjati ġew iċċirkolati liż-żewġ istituzzjonijiet.

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika b'appoġġ għat-tranżizzjoni doppja*, COM(2023) 165 final

⁹ https://policy.trade.ec.europa.eu/consultations/consultation-trade-policy-review_en

¹⁰ <http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/expert-groups/>

¹¹ <http://trade.ec.europa.eu/civilsoc/meetdetails.cfm?meet=11531>

¹² Workshop 'Ways forward for EU-Africa trade and investment relations', is-26 ta' Ottubru 2022

Barra minn hekk, matul in-negozjati l-Kummissjoni ppubblikat u aġġornat regolarment, fuq is-sit web tagħha¹³, rapporti taċ-ċikli ta' negozjati, il-proposti tat-testi, l-istqarrijiet għall-istampa, l-iskedi informattivi u materjal ta' informazzjoni ta' sfond.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Meta bdiet in-negozjati, il-Kummissjoni qagħdet fuq għarfien espert estern miġbur fil-kuntest tar-Rieżami tal-Politika tal-Investment tal-Angola¹⁴, imwettaq mill-UNCTAD (il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp) u fuq studju¹⁵ mwettaq mill-Bank Dinji. Iż-żewġ rapporti ġew prodotti bl-appoġġ finanzjarju tal-UE. Ir-rapport tal-UNCTAD ipprova informazzjoni dwar il-qafas ta' investment tal-Angola u l-ostakli fil-klima tal-investment. Huma relatati mas-sistema għad-dħul u l-istabbiliment ta' investment, ir-regolamenti operazzjonali u l-kapaċità u l-koordinazzjoni fl-amministrazzjoni. Dawn il-problemi jillimitaw il-kapaċità tal-Angola li tisfrutta bis-siġh il-potenzjal enormi tagħha biex tattira investituri f'diversi setturi. Ir-rapport tal-World Bank identifika li l-investituri ppreżentaw, bħala fatturi kritiċi li jaffettwaw id-deċiżjonijiet ta' investment tagħhom f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, in-nuqqas ta' trasparenza u prevedibbiltà fit-trattament ma' aġenziji pubbliċi, il-bidliet għall-għarrieda fil-liġijiet u r-regolamenti, u d-dewmien biex jinkisbu permessi u approvazzjonijiet mill-gvern. Dawn huma l-oqsma koperti mill-Ftehim.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

B'mod parallel man-negozjati, twettqet Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà (VIS)¹⁶ minn kuntrattur estern li tkopri kemm l-adeżjoni tal-Angola fil-FSE bejn l-UE u l-SADC kif ukoll il-Ftehim. L-oġettiv tal-istudju huwa li jidentifika l-impatti ekonomiċi, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem u ambjentali potenzjali li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet fl-FSE u fil-Ftehim. Fil-qafas tal-VIS, il-kuntrattur ikkonsulta esperti interni u esterni u wettaq konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati kemm fl-UE kif ukoll fl-Angola.

Il-VIS tikkonferma l-impatt pożittiv tal-Ftehim fuq l-ekonomija tal-Angola, filwaqt li tenfasizza wkoll il-komplementarjetà bejn il-Ftehim, l-adeżjoni mal-FSE bejn l-UE u l-SADC, u l-assistenza teknika b'appoġġ għaż-żewġ proċessi. Il-VIS ma tidentifikax impatti negattivi tal-Ftehim fuq l-impjiegi, id-drittijiet tax-xogħol, id-drittijiet tal-bniedem jew l-ambjent.

Il-VIS, li tkopri kemm l-adeżjoni tal-Angola mal-FSE bejn l-UE u l-SADC kif ukoll il-Ftehim, twettqet mill-kuntrattur estern 'BKP Economic Advisors'.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

¹³ https://policy.trade.ec.europa.eu/eu-trade-relationships-country-and-region/countries-and-regions/southern-african-development-community-sadc/eu-angola-negotiations_en

¹⁴ Ara UNCTAD, *Investment Policy Review of Angola* https://unctad.org/system/files/official-document/diaepcb2019d4_en.pdf

¹⁵ Ara World Bank, *Retention and Expansion of Foreign Direct Investment, Political Risk and Policy Responses* <http://documents1.worldbank.org/curated/en/387801576142339003/pdf/Political-Risk-and-Policy-Responses.pdf>

¹⁶ Ara Sustainability Impact assessment (SIA) in support of trade negotiations with Angola for EU-SADC EPA accession, Rapport Finali, Diċembru 2021, https://circabc.europa.eu/ui/group/09242a36-a438-40fd-a7af-fe32e36cbd0e/library/f9babf9b-6d05-475f-a322-1bfc4e5c9982?p=1&n=10&sort=modified_DESC

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma taffettwax il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Dan il-Ftehim ma għandux implikazzjonijiet baġitarji.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Ftehim jinkludi dispożizzjonijiet istituzzjonali li jistabbilixxu l-istruttura għall-korpi ta' implimentazzjoni biex jimmonitorjaw kontinwament l-implimentazzjoni, l-operat u l-impatt.

Il-kapitolu istituzzjonali tal-Ftehim jistabbilixxi 'Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment' li għandu bħala l-kompitu ewlieni tiegħu li jiżgura li l-Ftehim jopera sew u b'mod effettiv. Il-Ftehim jistabbilixxi wkoll Djalogu mas-soċjetà ċivili, li għandu jsir fuq bażi annwali flimkien mal-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-oġettiv kumplessiv ta' dan il-Ftehim huwa li jiffaċilita l-attrazzjoni u l-espansjoni tal-investment bejn l-UE u l-Angola għall-fini tad-diversifikazzjoni ekonomika u l-iżvilupp sostenibbli.

Il-Ftehim għandu erba' kapitoli sostantivi:

- Il-prevedibbiltà u t-trasparenza tal-miżuri ta' investment relatati, pereżempju billi jiġu ppubblikati l-liġijiet u l-kundizzjonijiet kollha dwar l-investment u jiġi promoss l-użu ta' portali uniċi ta' informazzjoni għall-investituri;
- Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, permezz tal-ipproċessar rapidu tal-applikazzjonijiet u tat-trawwim tal-gvern elettroniku;
- Punti fokali u l-involvement tal-partijiet ikkonċernati, sabiex jiġu ffaċilitati l-interazzjonijiet bejn l-investituri u l-amministrazzjoni;
- L-investment u l-iżvilupp sostenibbli, billi jiġi inkorporat l-aħħar approċċ tal-UE dwar l-impenji tal-"kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli" u l-imġiba responsabbli fin-negozju.

Il-Kapitolu dwar l-'Evitar u soluzzjoni ta' tilwim' huwa bbażat fuq il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet u jfittex soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku, iżda jinkludi wkoll il-possibbiltà ta' arbitraġġ bejn Stat u ieħor bħala l-aħħar rimedju, flimkien ma' regoli ta' medjazzjoni.

B'mod ġenerali, huwa mistenni li l-Ftehim se jwassal għal titjib fil-klima tan-negozju fl-Angola, li jkun ta' benefiċċju kemm għall-kumpaniji barranin kif ukoll għal dawk domestiċi. Konsegwentement, l-investituri barranin se jiġu mhegħga jibqgħu aktar fit-tul, u b'hekk jagħtu kontribut aktar fit-tul lill-ekonomija lokali. Minbarra l-investituri eżistenti, il-Ftehim għandu wkoll l-għan li jattira investituri ġodda lejn l-Angola, b'mod partikolari intrapriżi żgħar u

medji, li jsibuha aktar diffiċli biex jinnavigaw il-proċeduri twal u kumplessi biex jinvestu barra mill-pajjiż.

Il-fatt li l-Ftehim itejjeb iċ-ċertezza legali għall-investment fis-setturi kollha huwa mistenni li jikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni ekonomika tal-Angola lejn setturi ġodda bħall-esportazzjonijiet tal-ikel, il-manifattura, jew is-servizzi. Il-Ftehim jinkludi wkoll dispożizzjonijiet immirati lejn it-tiŝiħ tar-rabtiet bejn l-investituri barranin u l-fornituri domestiċi.

Fl-aħħar nett, il-Ftehim jintegra wkoll dimensjoni importanti ta' żvilupp sostenibbli fir-relazzjoni ta' investment bejn l-UE u l-Angola, inklużi impenji li ma jdgħajfux il-liġijiet u l-istandards ambjentali jew tax-xogħol sabiex jattiraw l-investment, u li ma jeżentawx jew jidderogaw minn dawk il-liġijiet. Il-Ftehim jinkludi wkoll impenji biex jiġu implimentati b'mod effettiv il-ftehimiet internazzjonali dwar ix-xogħol u l-ambjent, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi. Il-Ftehim jirrikjedi lill-Partijiet li jippromwovu prattiki kummerċjali responsabbli mill-investituri u jsaħħaħ il-kooperazzjoni bilaterali dwar aspetti relatati mal-investment tal-politiki dwar it-tibdil fil-klima u tal-politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(6), il-punt (a)(v),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru [XX]², il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola ("il-Ftehim") ġie ffirmat fi [XX XXX 2023], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni.
- (3) Il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 55, fl-Unjoni ma jagħtix drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni, għajr dawk maħluqa bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna bis-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni, għan-notifika prevista fl-Artikolu 57.2 tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

¹ ĠU C , , p. .

² [Tiddaħħal ir-referenza]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha³.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

³ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.